MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 55

3 ta' Mejju 2016

Minuti tas-seduta Nru. 55 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sur E. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.1.3. **(Ref: L/3/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif jidher hawn taħt, filwaqt li s-Segretarju talab li tiżdied sentenza oħra fejn tgħid li fil-fatt, l-azzjoni proposta mis-Sur E. Bartolo kienet diġa saret referenza għaliha fis-seduta Nru. 53:

"2.1.3. *Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li għandha tittieħed din l-opportunita' sabiex xi skedi li kienu jiffurmaw parti mid-dokument tal-offerta jiġu ċċarati bil-għan li jinftehmu aktar malajr mill-offerenti, filwaqt li jiffaċilitaw il-proċess tal-evalwazzjoni li tiġi wara. Kompla jgħid li s-sejħa l-ġdida jeħtieġ li tispecifika l-ammont ta' sigħat u l-ispiża marbuta magħhom, filwaqt li b'mod separat ikun hemm somma oħra li tindika l-ammont illi l-offerent ikun mistenni jalloka fuq deterġenti, fuel, ecc. Is-Sur C. Bartolo qal li b'dan il-mod wieħed jassikura li jieħu servizz tajjeb u hekk ikun hemm distinzjoni aktar ċara bejn l-ispiża tas-sighat tal-attendants u spejjeż oħra marbuta mas-servizz. Il-Kunsillier E Bartolo rrimarka li d-deċiżjoni li ngħatat mill-PCRB fil-konfront taż-żewġ offerenti, kienet konfliġġenti u għaldaqstant hu kien tal-fehma li l-Kunsill kellu jiġbed l-attenzjoni dwar dan in-nuqqas. Is-Segretarju fakkar li kien diġa sar aċċenn għal din l-azzjoni skont ma jidher fil-minuti tas-seduta Nru. 53 - minuta 4.4.2. – tad-29 ta' Marzu 2016.".*

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera wkoll għall-minuta 2.6.4. **(Ref: H/3/1)** tas-seduta ta' qabel u talab li din tinqara kif ġej:

"*2.6.4. Rigward l-applikazzjoni PA 4649/15, il-Kunsillier E Bartolo qal li meta xi zmien ilu kienet saret laqgha bejn il-Kunsill u l-izviluppatur, kien intqal li l-gholi tal-bini propost m'ghandux jaqbez dak tal-bini ezistenti. Barra minn hekk, kienet saret talba mill-izviluppatur biex jekk tkun imposta xi planning gain din tkun tista tintuza fit-tisbih tal-wesgħa li hemm quddiem il-lukanda, bil-possibilta' li jsir parkegg.".*

1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.5.8. (**Ref: P/5/8/G**) u talab li dan jinqara kif ġej:

> *"2.5.8. Is-Sindku għalaq billi għarraf li finalment il-Bord iddeċieda li l-Planning Gain jiżdied minn €13,000 għal €15,000. Is-Sindku kkummenta li l-membri tal-Bord setgħu mponew Planning Gain differenti minn dak propost mid-Direttorat, jew dak propost minnu, jew kif propost minn wieħed mill-membri tal-bord. Madankollu dejjem kienet il-prassi illi l-Kunsill ma jiffissax figuri fejn jidħol Planning Gain u dejjem mexa skont il-parametri ndikati mid-Direttorat tal-Ippjanar. F'dan il-punt, il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li kien nuqqas tal-Bord, jew taċ-Chairman li ma ressaqx is-suġġeriment għall-vot.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 54, li saret fid-19 ta' April 2016, bl-emendi t'hawn fuq u għalhekk il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li ntbagħtet ittra ġudizzjarja datata 28 ta' April 2016 mill-offerent Paul Cardona, li qed tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill illi f'każ li jerġa jinfetaħ il-proċess kollu tat-*tender*, tkun qed tiġi injorata d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Oltre dan l-ittra ġudizzjarja tkompli tgħid li jekk dan it-terminu jgħaddi inutilment, sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra l-Kunsill, skont il-ligi u rigward tad-danni u spejjeż kollha sofferti minnu b'rabta mat-tender u l-proċess ta' evalwazzjoni kollu in kwistjoni.

2.1.3. Is-Segretarju għarraf lill-Kunsill li l-offerent Cardona kif nfurmat bid-deċiżjoni tal-PCRB inkluż il-kjarifika li ngħatat mill-istess bord li għandha ssir sejħa mill-ġdid. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ntalab parir legali, bil-għan li tingħata tweġiba.

2.1.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.2.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-finali tas-*Snooker* tad-*Doubles* intlagħbet fit-2 ta' Mejju 2016 u r-rebbieħa kienu Joe Debono u Wilfred Cross. Huwa qal li ser jiġu ppreżentati trofej li dawk li ġew fl-ewwel, it-tieni u t-tielet post waqt il-premjazzjoni li ser issir fl-4 ta' Mejju 2016.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Espressjoni ta' interess dwar ir-restawr u l-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u ġie deċiż li ssir laqgħa oħra mas-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (DLH) fil-11 ta' Mejju 2016 fis-6.00pm.

### 2.4.1. Sistema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/31)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-proġett imsemmi, li twettaq lejn tmiem is-sena 2014, fejn irriżulta li diversi dwal LED intfew ftit wara li ġiet installata s-sistema. L-inġiniera nkarigati mill-Kunsill – Galea Curmi Engineering Consultants – intalbu jinvestigaw flimkien mal-fornitur M. & E. Contractors sabiex tiġi stabbilita l-kawża. Permezz ta' ittra data 3 ta' Mejju 2016, Galea Curmi Engineering Consultant għarrfu lill-Kunsill li wara nvestigazzjonijiet li saru mal-manifattur tas-sistema, Luce & Light Srl, irriżulta li l-ħsara ġiet ikkawżata permezz ta' vultaġġ għoli, normalment assoċjat mas-sajjetti, liema fattur mhux kopert bil-garanzija.

2.4.3. Minkejja dan, il-fornituri lesti li jilħqu arranġament mal-Kunsill fis-sens li huma lesti jagħmlu tajjeb għax-*shipping* ta' dwal ġodda flimkien max-xogħol involut biex jiżżarmaw dawk maħruqa u jintramaw il-ġodda. Qed jipproponu li l-Kunsill iħallas għall-36 *luminaire* ġdida bil-prezz ta' €112.10 (VAT inkluża), li tammonta għal spiża totali ta' €4,035.60.

2.4.5. Apparti dan, Galea Curmi Engineering Consultants qed jirrakkomandaw li anke dawk id-dwal li għadhom jixgħelu, xorta waħda għandhom jiġu ttestjati mill-manifattur fl-Italja, peress li jistgħu jkunu żviluppaw ħsara li attwalment ma tidhirx. Irrakkomandaw ukoll li għandu jiġi nstallat *transient over-voltage protection unit* bħala protezzjoni lis-sistema, li l-prezz tiegħu jammonta għal €472 bil-VAT inkluża.

2.4.6. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li spiża €4,507.60 tista' toħloq problema biex issir direttament mal-kuntrattur li ngħata l-kuntratt tal-forniment u l-installazzjoni tas-sistema.

2.4.7. Is-Segretarju kkummenta li f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kuntrattur ma jistax jinqata' barra, għaliex ma jagħmilx sens li ssir sejħa għall-istimi biex jagħmel ix-xogħol xi ħaddieħor li ma kellux x'jaqsam mal-proġett, aktar u aktar meta l-istess kuntrattur qed joffri li jħallas parti mill-ispiża nvoluta.

2.4.8. Il-Kunsill qabel mal-fehma espressa mis-Segretarju, billi ma jagħmilx sens lanqas li l-proġett jiġi abbandunat minħabba nuqqas ta' manutenzjoni. Ġie deċiż ukoll li għandhom jinbdew kuntatti mal-kumpanija tal-assikurazzjoni bil-għan li tkopri l-ispejjeż.

## 2.5.1. Parteċipazzjoni fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar (P/5/1/Vol IV)(H/3/1)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għal seduta tal-Awtorità tal-Ippjanar li saret fit-28 ta' April 2016 li fiha ġew trattati l-applikazzjoni PA 4811/15 li tinvolvi t-twaqqiegħ u bini mill-ġdid ta' parti mir-Ramla Bay Hotel, kif ukoll l-applikazzjoni PA 4649/15 dwar l-iżvilupp ta' parti mill-barrieri fiż-żona Ta' Masrija. Is-Sur J. Buttigieg qal li din kienet l-ewwel darba li l-Kunsill kellu d-dritt tal-vot fil-Bord tal-Awtorità waqt trattazzjoni ta' applikazzjoni dwar proġett maġġuri.

2.5.3. Rigward it-talba PA 4811/15, is-Sur J. Buttigieg qal li l-Bord esiġa li l-*footprint* u l-għoli jibqa' l-istess tal-binja oriġinali, filwaqt li għandu jitħalla passaġġ bir-riġel fuq in-naħa ta' xatt-il baħar. Ġie deċiż ukoll li biex tiġi mħarsa x-xagħra, għandu jkun hemm linja ta' demarkazzjoni li tifred il-parkeġġ mill-istess xagħra. Il-proġett approvat jinkludi wkoll parkeġġ taħt l-art li jesgħa 68 karozza.

2.5.4. Ġie spjegat li l-*planning gain* impost kien jammonta għal €136,808 li kien ikkalkulat billi l-*gross floor area* ġie mmultiplikat b'€4.66, ossija 29,358m$^2$ X €4.66. Is-somma msemmija ser tmur fl-*Environment Initiative Partnership Programme Fund*, biex tiġi wtilizzata għal titjib meħtieġ fil-parkeġġ ta' quddiem il-lukanda. Il-Bord impona multa mnaqqsa għal €50,000, peress li x-xogħlijiet nbdew mingħajr permess, iżda ttieħed in konsiderazzjoni li l-istess xogħlijiet kienu eventwalment ser jiġu sanzjonati. Id-deċiżjoni ttieħdet wara votazzjoni ta' 12 favur u 1 kontra.

2.5.5. Dwar l-applikazzjoni PA 4649/15, is-Sindku spjega li fost il-kundizzjonijiet imposti kien hemm li fuq il-bjut tal-binja m'għandux ikun hemm ebda impjanti, filwaqt li għandu jkun hemm kmamar fejn jinżamm l-iskart sakemm jinġabar – aspett li l-Kunsill ġibed l-attenzjoni dwaru mill-bidu. Il-Bord approva li l-kumpless jinkludi 152 appartament u 168 garaxx.

2.5.6. Il-*planning gain* li jikkonċerna din l-applikazzjoni kien jammonta għal €193,283.32 li ġie kkalkulat billi ttieħdet il-*gross floor area* mmultiplikata b'€23.19, ossija 8,336m$^2$ X €23.19. Huwa spjega li l-*planning gain* għaż-żona tal-barrieri f'Ta' Masrija jlaħħaq €760,000 fuq sit siti kollha. Dawn il-fondi ser jiġu allokati lill-Transport Malta biex ittejjeb iċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku fl-istess żona. Il-Bord kien unanimu fl-approvazzjoni tiegħu għat-talba.

2.5.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Akkwist ta' materjal promozzjonali għall-Kunsill (P/4/5/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 12.4. tas-seduta preċedenti u fakkar dwar il-ħtieġa li jinkisbu stimi sabiex jinxtara l-materjal meħtieġ bil-għan li ssir allokazzjoni għaliħ fl-Estimi 2017.

2.6.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li diġa qed isiru l-kuntatti meħtieġa.

2.6.4. Kien hemm qbil ukoll li s-Sur Jeffrey Sammut għandu jiġi nfurmat bil-kitba li huwa ġie nominat mill-Kunsill bħala editur sabiex tiġi stampata edizzjoni riveduta tal-ktieb – *Mellieħa Through the Tides of Time* / Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien.

2.6.5. Is-Sindku ppropona li għandha ssir talba lill-Fondazzjoni Valletta 2018 sabiex tgħin fl-iffinanzjar ta' din l-inizjattiva.

2.6.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.6.5.

**2.7.1. Sejħa ta' interess – *EDEN Network Meeting* (T/12/2)**

2.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-EDEN Network Association stiednet lill-membri tagħha sabiex juru jekk jixtiequx jospitaw l-EDEN Network Meeting f'Ottubru 2016 fil-lokalità rispettiva tagħhom. Il-konferenza ser tkun fuq jumejn – fl-4 u 5 ta' Ottubru 2016. Il-vot fuq l-għażla tal-post ser jittieħed fl-Assemblea tal-EDEN fis-17 ta' Mejju 2016.

2.7.3. Is-Sur C. Bartolo ppropona sabiex il-Kunsill iressaq in-nomina tiegħu ħalli kif sar fl-2011, jerġa'jospità il-konferenza fil-Mellieħa, u hekk tkun qed tingħata promozzjoni l-lokalità bil-preżenza ta' nies involuti fil-qasam tal-ivjaġġar u ġurnalisti barranin. Kompla jgħid l-konferenza tista' isseħħ f'xi waħda mill-lukandi tal-Mellieħa u jsir użu wkoll mit-Torri l-Aħmar fejn tkun tista' tisserva waħda mill-ikliet lid-delegati. Aċċenna wkoll li dan l-avveniment ikun jinvolvi spejjeż f'dak li huwa materjal promozzjonali, żjarat f'postijiet ta' interess eċċ. Billi l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tinkoraġġixxi sħubija fl-EDEN Network, għandha tintalab tikkontribbwixxi għall-ispejjeż.

2.7.4. Il-Kunsill qabel li jesprimi l-interess tiegħu li jospità l-konferenza, iżda ġie deċiż illi wara li jitfassal l-qafas tal-attivitajiet u l-ħtiġijiet kollha marbuta magħhom, għandu jkun hemm baġit approvat, billi ma kien hemm ebda spiża prevista taħt il-vot 3320 tal-Konferenzi filwaqt li l-allokazzjoni hija ta' €1,000.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 29/04/16;
- Skeda ta' pagamenti – 15/04/16 – 29/04/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet; u
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 27/04/16.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Festa Familja – Kummissjoni Familja (S/6/lVol IV)**

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 25 ta' April 2016, mibgħuta mill-Kummissjoni Familja fi ħdan il-Parroċċa tal-Mellieħa, fejn il-Kunsill intalab ikun parteċipi fl-organizzazzjoni tagħha billi jipprovdi logħob għat-tfal li jkunu preżenti fit-22 ta' Mejju 2016 f'Misraħ il-Parroċċa.

4.1.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**4.2.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija f'Dawret il-Mellieħa (T/3/2/Vol XII)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' April 2016, mibgħut mill-operatur tas-Seabank Hotel, fejn talab li jingħataw il-faċilitajiet imsemmija biswit il-lukanda f'Dawret il-Mellieħa, minn fejn jingħataw provisti bħal ilma, fuel eċċ, kif ukoll jintuża għal *fire engine* f'każ ta' emerġenza.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba tiġi rakkomandata lil Transport Malta.

**4.3.1. Attività b'għan filantropiku (A/6/3/2 Vol 58)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat l-1 ta' Mejju 2016 mibgħut minn Joseph Scicluna li talab permess sabiex issir attività b'riżq il-Marigold Foundation jew Puttinu Cares f'Selmun, jew fil-Park tal-Familja nhar is-Sibt 2 ta' Lulju 2016. Fl-istess okkażjoni qed ukoll jintalab permess sabiex jintramaw kjoskijiet li jbiegħu l-ikel.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-attivitá ssir fil-Park tal-Familja minħabba l-faċilitajiet li jeżistu, kif ukoll iddeċieda li jeżenta lill-organizzaturi mill-ħlas tal-permess, kemm tal-attività *per sè*, kif ukoll tal-kjoskijiet.

**4.4.1. Festa ta' Selmun (F/2/2)**

4.4.2. Inqrat ittra datata 2 ta' Mejju 2016, mibgħuta mis-Selmun Residents Association, fejn qed jipproponu li terġa' titqajjem mill-ġdid il-Festa tal-Madonna tal-Fidwa f'Selmun. bil-għan li tiġġedded il-kultura u l-folklor ta' dan l-irħajjel. Qed jissuġġerixxu li din issir fis-6 u 7 ta' Awwissu 2016, permezz ta' fondi li jiġu minn attivitajiet li torganizza l-assoċjazzjoni u possibilment mingħand il-Kunsill Lokali.

4.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-Kurja addottat *policy* li ma jiżdidux aktar festi sekondarji, imma minkejja dan għandu jiġi kkunsultat l-Arċipriet tal-Mellieħa.

4.4.4. Is-Sindku qal li huwa m'għandux oggezzjoni għall-proposta, però jaqbel li ssir magħrufa l-pożiżżjoni tal-Kurja.

4.4.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Arċipriet tal-Mellieħa qabel it-talba tingħata aktar konsiderazzjoni.

**4.5.1. Wirjiet tal-arti mtella' minn Art Club 2000 (S/6/Vol IV)**

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Mejju 2016, mibgħuta mill-Art Club 2000 fejn intqal li l-għaqda ser torganizza tliet wirjiet tal-arti mtella' mill-membri tagħha. Dawn ser isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Imdina (16/06/16 – 30/06/16); fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex (02/08/16 – 24/08/16); u fis-sede tal-għaqda fil-Mellieħa (03/09/16 – 08/09/16).

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €450, skont l-ispirtu tal-artiklu 33(o) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 29 ta' April 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta m Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn il-15 u d-29 ta' April 2016.

6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li jastjeni mid-deċizjoni fir-rigward tal-pagament bir-referenza 054-04-16 minħabba parentela li għandu mal-fornitur.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.5. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Reviżjoni tal-*bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li l-perjodu ta' konsultazzjoni għalaq fit-30 ta' April 2016, u saru l-punti li jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Rene' Savona Ventura | - Il-miżuri proposti dwar l-użu tal-gass messhom daħlu fis-seħħ fl-2009.<br>- Fil-każ ta' *caravans* għandha tintalab polza ta' assikurazzjoni sabiex ikunu koperti meta ma jkunux irmunkati ma' vettura. B'dan il-mod ikun hemm iktar serħan-il moħħ f'każ ta' inċidenti kkawżati minn użu ta' makkinarju tal-elettriku, jew bit tisjir li jsir ġo fihom. |
| Prof. Ronald Sultana | - Ma jsirx daqq ta' mużika amplifikata fuq il-Bajja tal-Għadira, minħabba l-inkonvenjent li jiġi kkawżat lir-residenti li hemm fil-qrib. |

| | |
|---|---|
| | - Il-*barbecues* jġibu magħhom aktar skart u periklu għas-saħħa li jista' ikollhom effett fuq l-i*status* tal-*Blue Flag* li dgawdi il-Bajja tal-Għadira. |
| Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa | - Importanti li jkun hemm bażi legali li tagħmilha possibbli li jsir l-infurzar;<br>- Jittieħed in konsiderazzjoni l-fattur tas-sigurtà fl-istaġun tal-kaċċa;<br>- Qed jinsistu li l-*bye-laws* ikunu jinkludu klawsoli li normalment jidħlu fl-*letter of conditional approval* eż: dwar aċċess bil-vetturi, ħsara fis-siġar, tisjir bin-nar, eċċ;<br>- Il-permess għall-ikkampjar għandu jkun ta' €10 kull jum biex jagħmel tajjeb għall-infurzar tal-*bye-laws*;<br>- In-numru ta' permessi li jinħarġu jkun skont kemm l-ispazju disponibbli;<br>- Il-Gwardjani jew Pulizija għandhom jingħataw lista' ta' permessi maħruġa mill-Kunsill meta jsiru l-ispezzjonijiet;<br>- Il-multa f'każ ta' kontravvenzjoni għandha tkun €250;<br>- Minn jinstab ħati ta' kontravvenzjoni ripetuti għandu jiġi *blacklisted*. |
| Andrew Borg | - Il-*bye-laws* għandhom jgħinu biex il-pubbliku jagħmel użu minn postijiet pubbliċi għall-attivitajiet indikati b'aktar responsabilità;<br>- Jista' ikun li l-iskop tal-Kunsill huwa li jottjeni dħul addizzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill għandu jtejjeb il-faċilitajiet bħalma huma litter bins, indafa u nfurzar tal-*bye-laws*;<br>- Ma jaqbilx li familja ta' 4-6 minn nies iħallsu għall-permess. Il-Kunsill m'għandux jimmulta jew jintaxxa lin-nies biex jirrikrejaw rwieħom fuq art pubblika;<br>- Mhux ġusta li grupp ta' tnejn minn nies iħallsu daqs 15.<br>- Il-ħlas tal-permessi għandu jkun: minn 0-10 ikunu bla ħlas; bejn 11 u 20 €5.00; bejn 21 u 30 €10; bejn 21 u 30 €10; u bejn 31 u 50 €20; |

7.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-punti msemmija mill-GħKNK għandhom jiġu nklużi fil-*bye-laws* biex jingħataw aktar saħħa u jiffaċilità l-infurżar tagħhom.

7.4. Is-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier E. Bartolo argumentaw li t-test tal-*bye-laws* m'għandux jidħol f'daqshekk dettal, għar-raġuni li dan inaqqas il-flessibiltà da parti tal-Kunsill, li jnaqqas jew iżid il-kundizzjonijiet li jimponi fil-permess li jinħareġ.

7.5. Fuq il-proposta msemmija fil-minuta 7.3. aktar 'il fuq, il-Kunsill qabel li l-*bye-law* 3.1. għandha tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

> *"3.1 Mingħajr preġudizzju għal kull ligi oħra li tipprovdi għall-ħtieġa ta' xi permess ieħor minn xi awtorità oħra, ħadd ma jista' f'xi post ġewwa l-lokalità, inkluż f'xi bajja, iqiegħed kamp, gazebo, jew caravan jew jorganizza xi tisjir fil-miftuħ, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub mogħtija minn qabel mill-Kunsill skont dawn il-bye-laws u bil-kundizzjonijiet stipulati fil-permess li jinħareġ:"*

7.6. Is-Sindku aċċenna wkoll illi f'laqgħa li saret ma' delegazzjoni mill-Malta Camping and Caravan Association, sar suġġeriment sabiex il-projbizzjoni dwar id-daqq ta' mużika amplifikata fil-*bye-laws* tiġi estiża għall-ikkampjar ukoll, peress, li mhux l-ewwel darba jinqala' diżgwid minħabba din ir-raġuni. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li għalkemm dan huwa suġġeriment validu

m'huwiex tal-fehma li għandu jaffettwa t-test tal-*bye-laws*, iżda tidħol bħala kundizzjoni fil-permess li jinħareġ, f'każ li mhux diġa qed isir hekk.

7.7. Il-Kunsill qabel mal-proposta fil-minuta 7.6. aktar 'il fuq.

7.8. Billi ma kienx hemm punti oħra x'jiġu trattati, il-Kunsill qabel li l-abbozz għandu jiġi emendat sabiex jiġi mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**8.1. Intervisti lill-persuni b'diżabilità nteressati fil-*Community Inclusive Employment Scheme* mnedija mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ (P/7/2/Vol II)**

8.2. Is-Segretarju rrefera għal diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-seduta preċedenti u għarraf li l-bord maħtur bgħat għat-tliet persuni li isimhom deher fuq l-ittra tal-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ tat-23 ta' Marzu 2016. Minnhom wieġeb wieħed, illi nforma li ma kienx ser jattendi peress li sab impjieg, filwaqt Jonathan Camilleri għadda l-*curriculum vitae* tiegħu u attenda għall-intervista li saret fit-3 ta' Mejju 2016. Kemm mill-kwalifiki li ssemmew fil-*curriculum vitae*, kif ukoll mill-intervista deher is-Sur Camilleri huwa ntiż ħafna f'dak li huwa teknoloġija tal-informatika, filwaqt li kienet magħmula ċara miegħu li x-xogħol involut fl-uffiċċju tal-Kunsill huwa ta' natura klerikali. Minkejja dan, is-Sur Camilleri wera li huwa lest li jagħmel dan ix-xogħol xorta waħda. Fid-dawl ta' dan, il-Bord jirrakkomanda l-ingaġġ tas-Sur Camilleri.

8.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord, sakemm il-paga titħallas mill-iskema tal-CIES.

9.1. **Estimi u tħejjijiet għall-Mellieħa *Music Festival* 2016 (A/5/3/1/Vol XIV)**

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq il-baġit segwenti:

| | |
|---|---|
| **Fondi Allokati mill-Kunsill** | **€** |
| Fondi Allokati mill-Kunsill | 17,000 |
| Fondi Allokati taħt l-Iskema tal-Attivitajiet | 3,000 |
| **Spejjeż** | |
| Akkomodazzjoni għall-Grupp Folkoristiku Rumen | 2,000 |
| Ospitalità lill-Grupp Folkoristiku Rumen | 2,500 |
| Trasport lill-Grupp Folkloristiku Rumen | 650 |
| Wallace Pipes and Drums | 300 |
| *Ensemble* tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali | 1,100 |
| *Performers* oħrajn | 500 |
| Riklamar addizzjonali | 2,000 |
| *Artwork* | 590 |
| Siġġijiet | 200 |
| Preżentaturi | 300 |
| Tqassim ta' fuljetti | 1,000 |
| Stampar ta' fuljett u inviti | 1,100 |
| Avviż tad-Dipartiment tal-Informazzjoni | 10 |
| Dwal, audio u palk | 4,500 |
| Fotografu | 300 |
| Stampar u għarmar tal-*backdrop* | 1,100 |
| Stampar u twaħħil tal-*billboard* | 350 |
| Servizz ta' sigurtà | 300 |
| Tifkiriet lill-parteċipanti | 400 |
| Kontinġenza | 800 |
| | 20,000 |

9.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-ammont allokat fl-Estimi 2016 għal dan l-avveniment kien €11,000 wara li ttieħed in konsiderazzjoni li l-Gvern jalloka €2,500 taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali. Is-Sur C. Debono spjega li l-ammont ta' €11,000 kien allokat a bażi tan-nefqa attwali netta tal-edizzjoni tal-2015, li kienet tammonta €10,828.

9.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrimarka li l-ispiża telgħet bi €9,000, peress illi wara l-edizzjoni tas-sena 2015 kien sar suġġeriment li jkun hemm aktar talent internazzjonali. Għaldaqstant huwa ppropona li jkun hemm is-sehem ta' grupp folkloristiku minn Cugir fir-Rumanija.

9.5. Is-Sindku qal li minkejja huwa favur li jiżdied l-element barrani fil-festival, ma jaqbilx li l-Kunsill jagħmel tajjeb għall-akkomodazjoni ta' gruppi u baned li jiġu mistiedna. Huwa qal li l-fattur ta' żieda fin-nefqa jeħtieġ li jitqies fid-dawl tal-fatt li hemm attivitajiet oħra li jinvolvu nefqa konsiderevoli fi spazju ta' ftit ġimgħat.

9.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li l-ispejjeż marbuta mal-Grupp Folkloristiku Rumen għandhom jitneħħew bil-għan li l-baġit jinżel għal €15,175, filwaqt li ġie nnutat li jifdal żbilanċ mal-Estimi ta' €3,850. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li għandu jsir sforz sabiex jinġieb finanzjament bil-għan li jagħmel tajjeb għall-iżbilanċ imsemmi.

**10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg li tgħid:**

**"Billi l-kuntratt dwar *Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari, skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (1/2016) skont l-Att tal-Kunsilli Lokali 1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta' l-1993;**

**Billi saret l-aġġudikazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* taż-żewġ offerti sottomessi, kif jidher fil-minuti tal-istess bord tas-27 ta' April 2016; u**

**Billi fl-Estimi Finanzjarji għas-sena finanzjarja 2016, il-Kunsill alloka fondi taħt il-voti 2311 u 7502, sabiex jintefqu fuq ir-*Resurfacing* ta' Toroq u Xogħlijiet Anċillari li jistgħu jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv (RR-37) mal-kumpanija Central Asphalt Ltd, għall-perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016, skont il-kundizzjonijiet u r-rati sottomessi minnhom fid-dokument ta' l-offerta.". (T/4/13/Vol IX)**

10.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li s-sottomissjonijiet li saru fir-rigward ta' Sejħa għall-Offerti 1/2016 ġew trattati mit-*Tender Adjudication Board* skont ma' jidher fir-rapport tiegħu tas-27 ta' April 2016, li kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

10.3. Is-Segretarju qal li skont ma' irrakkomanda t-*Tender Adjudication Bord* sar eżerċizzju li permezz tiegħu r-rati li ngħataw miż-żewġ offerenti ġew applikati fuq l-aħħar xogħlijiet ta' *resurfacing* ta' toroq u bankini li saru fi snin riċenti, ossija: Triq il-Qarnit, Triq is-Sajjieda, Triq il-Wied ta' Ruman, u Triq il-Marlozz. Dan bil-għan li joħorġu l-*items* maġġuri u dawk minuri fl-iskeda tal-prezzijiet, li finalment jistgħu jaffettwaw l-ispiża finali fuq proġett. Meta ttieħdet l-ispiża totali fuq dawn l-erba' toroq f'daqqa, irriżulta li bir-rati kkwotati minn Dimbros Ltd l-ispiża ġiet €222,459.70, filwaqt li dik ta' Central Asphalt Ltd ammontat għal €220,581.91 – differenza ta' €1,877.79.

10.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-offerta ta' Dimbros Ltd għandha tiġi skwalifikata fin-nuqqas tad-dokumentazzjoni mitluba fid-dokument tal-offerta.

10.5. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo. Għaldaqsant, is-Segretarju ntalab sabiex jinforma lill-offerenti b'din ir-riżoluzzjoni.

**11.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

**"Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2016 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata *period contract* dwar *resurfacing* ta' toroq u xogħlijiet anċillari; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti 2/2016), skont l-Att tal-Kunsilli Lokali ta` l-1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex jinstab kuntrattur li lest jagħti servizz ta' *Contract Management* fuq l-imsemmija xogħlijiet; u**

**Billi l-ħames offerti li saru ġew evalwati mit-*Tender Adjudcation Board*, f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa u rati kkwotati;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Joseph Attard, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016.". (K/6/5/3/Vol II)**

11.2. Is-Segretarju għarraf li għas-Sejha 2/2016 wieġbu ħames offerenti li kkwotaw ir-rati li jidhru hawn taħt:

| **Offerent** | ***Contract Management Fee* inkluża l-VAT (%)** |
|---|---|
| Perit Daniel Cordina | 0.50% |
| Perit Malcolm Gingell | 2.00% |
| Perit Anthony Bezzina | 1.95% |
| Perit Dieter Falzon | 0.90% |
| Perit Joseph Attard | 0.45% |

11.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li d-dokumentazzjoni kollha mitluba fid-dokument tal-offerta ġiet sottomessa u għalhekk il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:-

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u *Soft Areas*, ma` l-Environmental Landscapes Consortium Ltd għaddielu t-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (3/2016) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, filwaqt li ġiet ivvutata somma fl-Estimi għas-sena 2016, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3061; u**

**Billi saret evalwazzjoni tal-unika offerta li ġiet sottomessa mill-imsemmija Environmental Landscapes Consortium Ltd illi offrew rata annwali meqjusa raġġjonevoli, filwaqt li permezz ta' kuntratti passati rrendew servizz sodisfaċenti;**

**Jirriżolvi illi għanda tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-istess Environmental Landscapes Consortium Ltd, bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016, bil-ħlas annwali offrut ta' €15,975, liema somma tipprovdi għall-assenjazzjoni ta' ħaddiem fil-lokalità mgħejjun minn ħaddiema oħra ta' l-istess offerent, skont il-ħtieġa.". (K/6/3/Vol II)**

12.2. Is-Segretarju qal li għas-Sejħa 3/2016 wieġeb offerent wieħed – Environmental Landscapes Consortium Ltd li kkwotaw l-ispiża annwali kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| **Offerent** | **Spiża annwali totali nkluża 5% *Contract Management Fee*** |
|---|---|
| E.L.C. Ltd – Option A | €12,975<br>Mingħajr ebda ġardinar ibbażat fil-lokalità |
| Option B | €15,975.00<br>Ġardinar wieħed ibbażat fil-lokalità |

12.3. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier Hilary Fenech.

## 13.1. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar Xogħlijiet Infrastrutturali fi Triq Sant' Anna k/m Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq il-Mitħna l-Qadima (P/4/17)

13.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għas-Sejħa 4/2016 wieġbu żewġ offerenti – Central Asphalt Ltd u Dimbros Ltd.

13.3. Id-dokumentazzjoni sottomessa ġiet trattata mit-*Tender Adjudication Board* skont ma' jidher fir-rapport tiegħu tas-27 ta' April 2016, li kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

13.4. Ġie nnutat li l-Bord irrakkomanda li l-offerent Dimbros Ltd għandu jiġi skwalifikat fid-dawl tal-fatt li kellu ħames dokumenti nieqsa, filwaqt li kien hemm ċertifikat tal-ETC li kien datat 9 ta' April 2014.

13.5. Kien innutat ukoll li l-prezz globali kkwotat minn Central Asphalt Ltd huwa €28,228.04 għola minn dak ta' Dimbros Ltd, u għaldaqstant dan il-fattur għandu jingħata aktar attenzjoni mill-perit tal-Kunsill sabiex jiġi stabbilit fejn kien hemm diskrepanzi u r-raġunijiet warajhom.

## 14.1. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar Titjib fit-Turġien fil-parti ta' fuq ta' Triq San Publiju. (P/4/17)

14.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li xi jumejn qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa, l-uniku offerent li hemm – Central Asphalt Ltd – talbu numru ta' kjarifiki, li ma ngħatawx, billi kien hemm stipulat fid-dokument tal-offerta li kjarifiki jingħataw biss sakemm isiru sa għaxar t'ijiem qabel id-data tal-għeluq. Għaldaqstant, jista' jagħti l-fatt li l-prezz jista' jonqos kemm-il darba ċertu items for *bill of quantities* jiġu ċċarati.

14.3. Wara li ġie osservat illi d-dokumentazzjoni kollha mitluba fid-dokument tal-offerta ġiet sottomessa, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa li jattendu għaliha l-periti tal-offerent u dak tal-Kunsill sabiex jiġu ċċarati l-*items* in kwistjoni.

## 15.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier D. Vella illi tgħid:-

**"Billi l-kuntratt kurrenti li jipprovdi għaż-żamma tal-qsari f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Belveder tas-Sur, u postijiet oħra għaddielu t-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (16/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;**

**Billi saret evalwazzjoni tal-unika offerta li ġiet sottomessa f'dak li huwa dokumentazzjoni mitluba u rati kkwotati, filwaqt li jeżistu fondi biżżejjed sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat dan is-servizz taħt il-vot 3061;**

**Jirriżolvi illi għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lis-Sur Antoine Fenech bil-għan li jiġi ffirmat kuntratt għal tliet snin b'effett mill-1 ta' Ġunju 2016 skont ir-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (K/6/3/Vol II)**

15.2. Is-Segretarju qal li għas-Sejħa 6/2016 wieġeb offerent wieħed – Is-Sur Antoine Fenech - illi kkwota r-rati li jidhru fl-iskeda t'hawn taħt:

| | **Rata nkluża 5%** ***Contract Management Fee*** **u 18%** ***VAT*** |
|---|---|
| **1. Misraħ il-Parroċċa**<br>(a) Shrubs | €584.00 |
| (b) Pjanti Staġġjonali | €155.00 |
| **2.Ta` Fuq is-Sur Belvedere**<br>Qsari fil-Belvedere tas-Sur u t-taraġ li jwassal għal Triq l-Inkurunazzjoni | €410.00 |
| **3. Qsari f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II**<br>(a) Arbuxxelli<br>(b) Pjanti Staġġjonali | €948.00 |
| **4. Qsari li jinsabu fit-turġien**<br>Triq iż-Żnuber, Salini l-Qodma, Qalb Imqaddsa, Sant`Elena eċċ | €1,515.00 |
| **TOTAL** | €4,504.00 |
| Rata annwali għal pjanti addizzjoni fit-turġien. | €5.00 |

15.3. Il-mozzjoni għaddiet mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**16.1. Mużew dwar it-tkabbir tal-għasel (P/10/3A)**

16.2. Is-Sindku refera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 51 tas-17 ta' Frar 2016 dwar inizjattiva li qed tittieħed mit-Taqsima tal-Agrikoltura fl-Universita` ta' Malta, li qed tħejji applikazzjoni għall-finanzjament taħt il-Programm ta' Koperazzjoni Territorjali – Italia – Malta, dwar il-ħolqien ta' mużew li jittratta t-tkabbir tal-għasel, bil-possibiltà li dan isir fl-irziezet ta' Selmun. Kompla jgħid li l-Fondazzjoni ARKEO, li hija parteċipi f'din l-inizzjattiva, talbet li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar din il-materja.

16.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa ssir fil-11 ta' Mejju 2016 fis-7.30pm.

**17.1. Sigurtà għat-tfal qrib l-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)**

17.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 52 tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-għeluq tal-parkeġġ ta' quddiem l-iskola waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal. Is-Sur J. Buttigieg staqsa dwar jekk kienx hemm tweġiba minn Transport Malta wara li saret spezzjoni fuq il-post minn uffiċjal minn tagħhom.

17.3. Billi t-tweġiba kienet fin-negattiv, is-Segretarju ntalab sabiex jagħmel rappreżentazzjonijiet mill-ġdid.

**18.1. Ftehim dwar il-kustodja tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u tal-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara) (A/6/7/2/Vol II)(P/4/4/Vol III)**

18.2. Is-Segretarju għarraf li wara d-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 53 tad-29 ta' Marzu 2016, kemm l-Għaqda Korali Orkestrali Maria Bambina, kif ukoll l-Art Club 2000 baqgħu ma wieġbux sat-30 ta' April 2016 sabiex jipproponu tibdil fil-ftehim dwar it-tmexxija tax-xelters u l-Batterija ta' Westreme.

18.3. Is-Sindku qal li huwa ġie avviċinat mill-President tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u għarfu li l-intenzjoni minn naħa tagħhom kienet li jġeddu l-ftehim mingħajr emendi.

18.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba ż-żewġ għaqdiet jibqgħu ma jinnominawx persuna fuq il-Bord ta' Superviżjoni u ma jersqux għall-iffirmar tal-ftehim sal-24 ta' Mejju 2016, jitqies li mhumiex interessati li jġeddu l-ftehim.

**19.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)**

19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Omm issir f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2016, filgħodu bil-parteċipazzjoni tal-Artemocion Dance Studio. Ġie propost ukoll l-ommijiet anzjani residenti fl-istess dar jingħataw fjura kull wieħed.

19.3. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**20.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss tkun lejn il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu u ssir fuq jumejn biex ikun hemm żewġ gruppi sa massimu ta' 55 persuna kull wieħed. Dan peress li d-dħul fil-forti huwa limitat fin-numru u għaldaqstant ipproponiet li l-ewwel żjara ssir fil-25 u l-oħra l-għada fis-26 ta' Mejju 2016. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li din l-ħarġa tkun abbinata ma' Jum l-Omm u Jum il-Missier u għalhekk ipproponiet li t-trasport bil-*minibuses* jagħmel tajjeb għalih il-Kunsill mill-baġit allokat għal Jum l-Omm/Missier (Vot 3370).

20.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

20.4. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir ħarġa lejn Għawdex, peress li ilha ma ssir waħda, filwaqt li kien hemm minn għamillu din il-proposta.

**21.1. Attivitajiet għat-tfal matul ix-xhur tas-Sajf (E/3/4/Vol VIII)**

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet lill-Kunsill li sarulha proposti sabiex il-Kunsill jorganizza attivitajiet għat-tfal fl-etajiet ta' *Forms* 1 u 2 tas-Sekondarja. Dawn ikunu jikkonsistu f'xogħol fil-komunità bħalma huwa tindif ta' postijiet pubbliċi, żjarat lill-anzjani eċċ. Hija qalet li tfal ta' din l-età jsibuha diffiċli biex jattendu SkolaSajf organizzata mid-Diviżjoni, minħabba differenza fl-età.

21.3. Is-Sindku kkummenta li bħalma kien isir fil-każ ta' AvventuraSajf, l-inizjattiva proposta tkun teħtieġ kordinatur u numru ta' *carers* biex jagħmlu superviżjoni fuq it-tfal.

21.4. Il-proposta ma ġietx approvata sabiex jiġi evitat li jkun hemm dupplikazzjoni ma' inizjattivi li diġa qed jittieħdu, jew jistgħu jittieħdu aktar 'il quddiem.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**